MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Talba Numru. 271/2012

**Areti corporate Services Limited C41599**

**vs**

**Fal-Con Limited C5190**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob li s-Socjeta' Konvenuta tigi kundannata thallasha il-*quantum* ta' tlett elf, erba' mija, erbgha u disghin Ewro (€3,494.00c) ghal drittijiet professjonali ghal servizz ta' kontabilita' u servizzi ancilleri bejn 1 ta' Ottubru 1998 u l-31 ta' Lulju 2008 (fattura nru 604).

B'RISPOSTA is-Socjeta' Konvenuta qalet li t-Talba Attrici hi nfondata u s-somma reklamata mhiex dovuta.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu siltiet biss mill-provi li izda jitqiesu fuq dak kollu li tressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fl-atti tal-process.

2. Hector Spiteri, Direttur tas-Socjeta' Attrici kkonferma l-kontijiet Dok AS1 u 2 li gew cekkjati direttament lilu. L-inkarigu minn naha tas-Socjeta' Konvenuta nghata lil Ronald Micallef, Direttur ukoll tas-Socjeta' Attrici. Huma kellhom igibu l-kotba kollha tas-Socjeta' Konvenuta "up to date" u dan ghal perijodu ta' hdax-il sena.

3. Wara dan hu pprezenta b'affidavit il-kontijiet b'mod dettaljata (ara *fol* 22 sa 45, Dok Areti 1 u 2).

4. Joseph Falzon Direttur u Segretarju tas-Socjeta' Konvenuta qal li kien jaf lil Dr. Renald Micallef, l-ewwel bhala habib u mbaghad professjonalment. Qabel il-perijodu li jissemma fil-kawza kien mar ghand Renald Micallef flimkien mal-*financial controller* Edward Mugliett u ma missieru Henry Falzon u mbaghad halla f'idejn Mugliett biex ikompli jahdem ma Micallef li kien jafu taht Busuttil & Micallef mentri b'Areti Corporate Services Ltd sama biss wara l-kawza. Hu rcieva kont iehor m'ghand Busuttil & Micallef u ma hallashomx. Mugliett kien jaghmel ix-xoghol hu stess u qabbad lil certu Cassar.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL kif presedut sama u osserva x-xiehda u l-ewwel osservazzjoni tieghu hi li hawn qeghdin f'sede civili fejn japplika l-principju tal-probabilita' u dak ta' *id quod plerunque accidit.*

2. Jirrizulta li tassew is-Socjeta' Konvenuta marret ghand Dr. Renald Micallef u dan permezz ta' Joseph Falzon, missier dan u Edmond Mugliett – Segretarju u *financial controller*. Wara thalla kollox f'idejn Mugliett. Waqt li minn naha tas-Socjeta' Attrici nghata rendikont kopjus tax-xoghol li sar minn naha tas-Socjeta' Konvenuta xehed biss Joseph Falzon wara diversi seduti ghax-xhieda tieghu li cahad li ghandhom jatu. Kien evasiv ghall-ahhar. Qal li lil Micallef kif jafu bhala "Busuttil & Micallef" u mhux kif tidher is-Socjeta' Attrici, jaf li Mugliett ghamel l-*accounts* u l-*auditing* sar minn certu Cassar. Hawn wiehed jistaqsi: kif dawn Edmond Mugliett u c-"certu Cassar" ma ngiebux jixhdu.

3. In definitiva t-TRIBUNAL hu konvint li x-xoghol li hlas tieghu qed jigi reklamat mis-Socjeta'Attrici tassew sar u ta' xoghlu kulhadd ghandu dritt jithallas. Is-Socjeta' Attrici ma kienetx ser taghmel dak ix-xoghol kollu kieku mhux ghax kien inkarigata taghmlu u dana bi skop ta' hlas. Ix-xhieda ta' Joseph Falzon xejn konvincenti, tperper wehidha ma twaqqax dan.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' Konvenuta, (2) **jilqa** t-Talba Attrici u **jikkundanna** lis-Socjeta' Konvenuta biex thallas lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* ta' tlett elf, erba' mija, erbgha u disghin Ewro (€3,494.00c) bl-imghax mill-20 ta' Gunju 2012 (meta ddahhlet ir-RISPOSTA) sal-jum tal-pagament

effettiv u (3) **<u>tikkundanna</u>** lis-Socjeta’ Konvenuta thallas l-ispejjes tal-kawza u dawk mitluba fl-AVVIZ.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------